**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**16 ta' Jannar 2026**

Il-laqgħa numru 32 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026 fid-09.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (onlajn) |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **32** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija imma Daniel Zerafa kien qiegħed isegwi l-laqgħa online |
| | |
| **32.1** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| | Ma kienx hemm korrezzjonijiet tal-Minuti 31. Id-DES preżentat ukoll il-minuti 29 u 30 għal firem peress li l-aħħar laqgħa dawn ma kienux iffirmati. |
| | |

| 32.2 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
|---|---|
| | Is-Sindku qal li fl-14 ta' Jannar attenda għal konferenza stampa fuq l-iskema li l-kunsill ħa tal-Karnival. |
| | Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi timed parking area għal Triq iz-Zejtun mill-pjazza sa Triq l-Arżnell. Daniel Zerafa ikkummenta li hu kien qed jissuġġerixxi li issir l-area kollha fi Toroq residenzjali. Miriam Camilleri u Matthew Bugeja qalu li huma ma jaqblux li għanda issir il-ħin kollu tal-ġurnata imma kella ssir f'ħinijiet partikolari. Għalhekk is-sindku issuġġerixxa li isiru ukoll dawn it-Toroq:<br>Sant'Andrija, Firilla, Franġisk, Luzzu, Piju V, Salvatur, Kunċizzjoni u Sant'Antnin flimkien ma Triq iż-Zejtun mill-pjazza sa Triq l-Arżnell.<br><br>Fuq dawn it-toroq il-Kunsill kien ser japplika għal Timed Parking b'dawn il-ħinijiet ma Transport Malta. Minn Ottubru sa Mejju mis-Sibt bejn 1800 sat-Tnejn 0600am. U Minn Ġunju sa Settembru mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-18.00 sa 06.00am u s-Sibt mis-1800 sa Tnejn fis- 06.00am.<br><br>Il-Kunsill ħa vot fuq dan:<br><br>Vot Favur: 4<br>Vot kontra 1 ta' Daniel Zerafa<br><br>Kien hemm ukoll vot fuq kemm il-vettura tkun iddum biex tkun tista' terġa tipparkja. (No return within)<br>Vot 90mins – 3<br>Vot 60mins – 1 ta' Matthew Bugeja |
| | Is-Sindku qal l-kunsill irċieva ittra sabiex jiġu installati Vending Machines fi Triq Zejtun u fi Triq Arznell. Il-Kunsill ma qabilx ma dan. |
| | Is-Sindku informa li l-kunsill daħħal applikazzjoni fuq iċ-charging pillars f'dawn il-postijiet:<br>- Il-mużew tas-subien<br>- Triq Maurice Bonniċi<br>- Ħdejn Ġnien Kavallerizza<br>- Pjazza Ġulina Maiscalco,<br>- Triq Bir-Rikka<br>- Tas-Silġ<br>- Port Ruman<br>- Triq Xatt is-Sajjieda<br>- Triq Skuna<br>- Xrobb l-għaġin<br>- Delimara |
| | Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email mingħand Transport Malta li minn naħa tiegħu kien irċieva email mingħand l-ombudsman fuq il-blue badge parking ta' Triq il-Luzzu. Il-kunsill qal li din il-blue badge parking kienet saret qabel ma beda xogħol. Il-Kunsill kellu informazzjoni li t-triq kienet ser issir mill-ġdid u kien qabel li meta dan isir, il-blue badge parking kienet ser tinżel ftit l-isfel. Il-Kunsill qal li kienet saret hemm minħabba li hu iktar faċli li wieħed jimmanuvra minħabba d-dinamika tat-triq. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku spjega li l-kunsill preċedenti kien ivvota sabiex id-dog park jiċċaqlaq minn Triq il-Labour għal Triq Bartelemy. Il-kunsill ħa vot.<br><br>Vot favur: 5<br>Vot kontra: 0<br><br>Is-Sindku qal li l-ġnien fi Triq il-labour li kien pjanat ser jibqa' ġnien. Ser ikun hemm ġibjun biex il-ġnien ikun jista' jissaqqa mill-istess ġibjun. Is-Sindku qal li hu kien qed jissuġġerixxi li tul kollu tal-ġnien isir Community Garden li jistgħu jieħdu ħsiebu in-nies stess.<br><br>Vot Favur: 5<br>Vot Kontra: 0 |
| | Is-Sindku qal li Triq Dun Salv Gatt ma Triq Gravina kien hemm talba sabiex jiġu rranġati t-turġien u l-madwar bħalma kien diġà sar fi Triq Gravina ma Triq Ġifen. Fuq dan kien hemm qbil.<br><br>Matthew Bugeja issuġġerixxa li dawn l-ispazji jsiru spazji fejn wieħed ikun jista' jagħmel street art. |
| | Is-Sindku qal li l-Planning Authority kienet waqqfet l-applikazzjoni għad-dog park fi Triq il-Labour. Il-perit kien qed jara fuq dan. |
| | Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva email għal patching fi Triq is-Silġ. Il-kunsill qabel li din it-triq kien diġà sar patching fiha diversi drabi u kienu intalbu l-ministeri sabiex jintervjenu filfatt il-gvern kien xtara biċċa art sabiex it-triq tibda tgħaddi minn wara imma s'issa l-kunsill ma' kellux informazzjoni ulterjuri. |
| | |
| **32.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Il-pagamenti kienu approvati u ma kienx hemm mistoqsijiet dwarhom |
| | |
| **32.4** | **Talba Mill-Marsaxlokk Heritage** |
| | Is-Sindku spjega li l-kunsill kien irċieva talba mingħand il-Marsaxlokk Heritage sabiex ikomplu l-proġett tagħhom fuq id-dgħajsa tradizzjonali, kellhom bżonn ikomplu biż-żebgħa ħdejn il-baħar. Għalhekk il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm l-art tibqa tale e quale u jintużaw affarijiet protettivi sabiex ma ssirx ħsara. Importanti ukoll li tinżamm l-indafa. |
| | |
| **32.5** | **Qari tal-byelaw** |
| | ID-DES preżentat koppja tal-byelaw li l-kunsill preċedenti kien qed jaħdem fuqha fejn jidħlu skalien. Hi qrat din il-byelaw u l-kunsill iddiskuta din il-byelaw. Apparti minn hekk ġew ukoll inklużi l-prezzijiet li l-kunsill qed jissuġġerixxi għal-iskalien. |

| | |
|---|---|
| | |
| 32.6 | **Bord Segretarju Ezekuttiv** |
| | Is-Sindku spjega li id-dipartiment kien qed bagħat email b'żewġt kandidati għal pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv full-time. Għaldaqstant kien hemm bżonn li jsir bord li jikkonsisti minn 3 kunsilliera sabiex isiru l-intervisti. Għalhekk kien deċiż li l-bord ikun magħmul mis-Sindku, l-Viċi Sindku kif ukoll Reno Bugeja. |
| | |
| 32.7 | **Bord Pożizzjoni skala 15** |
| | Is-Sindku qal li wara li saru l-intervisti l-jobsplus kienu qalu lid-DES li l-kandidata magħżula ma setgħetx tipparteċipa fl-intervisti għax hi kienet daħlet tirreġistra mal-jobsplus ġurnata wara. Għalhekk huma qalu li l-pożizzjoni kellha terġa' tinfetaħ għal kulħadd. Id-DES hekk kienet għamlet u għalhekk kien hemm bżonn li jinħatar bord tal-intervisti.<br><br>Il-Kunsill qabel li l-bord kellu jibqa' kif kien qabel. |
| | |
| 32.8 | **Scanning of underground cultural heritage spaces** |
| | Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva rikjesta mingħand l-universita ta' Malta għal scanning fuq spazji kulturali taħt l-art. Il-kunsill ma kienx qed isib oġġezzjoni għal dan. |
| | |
| 32.9 | **Cash in Transit** |
| | Is-Sindku qal li DES kienet sabet kwotazzjoni irħas għal-dan is-servizz u għalhekk kienet qed tinforma l-kunsill li kienet ser tbiddel il-kumpanija għal dan is-servizz. Il-kunsill qabel fuq dan. |
| | |
| 32.10 | **Mistoqsijiet** |
| | Matthew Bugeja saqsa fuq l-isports lessons. Is-Sindku qal li kien kellem lil għalliema u kien saqsiha hekk ir-rata tistax tkun ta' Euro 45 inkluż il-VAT. Il-kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li hekk ikun hemm xi nies li mhumiex minn Marsaxlokk il-flus tagħhom teħodom hi. |
| | Matthew Bugeja saqsa ukoll fuq il-katamaran li kien itella' fil-magħluq. Is-sindku qal li kienet emerġenza għax kien ittaqqab |
| | Matthew Bugeja saqsa hekk hux ser isir xi ħaġa għal Jum il-Mara. Is-Sindku wieġeb li kienet ser issir attivita' bħas-soltu. |
| | Miriam Camilleri saqsiet fuq il-possibilita' ta' Sleeping Police fi Triq Tonin Attard għal Triq il-Galjazz. Is-Sindku qal li l-proċedura hi li l-persuna li qed tagħmel is-suġġeriment irid iġib il-firem tan-nies, bil-post fejn qed jiġi ssuġġerita. |

| | |
|---|---|
| | Miriam Camilleri saqsiet fuq cameras għal Triq ix-Xerriek fejn qed jintefa' ħafna ħmieġ illegali. Is-Sindku qal li fuq dan irridu naraw għax dawn is-sistemi jiswew il-flus u hekk il-persuna ma tingħaraf ma jkunux effettivi. |
| | |
| **32.11** | **PA** |
| | Il-Kunsill aktar kmieni kellu laqgħa mas-sidien tal-lukanda fil-Magħluq fejn kien propost li jsir tibdil fil-pjanta. Il-proposta kienet li f'ċertu żoni il-bini kien ser jogħla 2m. Bħala kunsill kien intalab li l-impatt viżiv jiġi mitigat. Id-Disinn li l-kuntrattur ippropona issa hu ħafna aħjar minn dak li kien approvat.<br><br>Fi 3 sular il-perit kien ser jiċċekkja hekk jistax jirtira aktar il-ġewwa u jdaħħal planter. Il-kuntrattur kien impenja ruħu li kien ser iżomm il-manutenzjoni tal-planters fi stat tajjeb. Fuq dan ittieħed vot:<br><br>Voti favur 5<br>Voti kontra 0<br><br>Il-kuntrattur kien qal ukoll li ir-reception kienet ser issir minn naħa ta' wara u li kien ser jagħmel dropp off side street u jinkorpora ġnien min-naħa ta wara naħa tal-power station. Fuq dan ittieħed vot ukoll:<br><br>Voti favur 5<br>Voti kontra 0<br><br>Il-kunsill tkellem ukoll mal-kuntrattur fuq id-deckchairs fil-bajja. Il-Kuntrattur kien infurmat ukoll li l-kunsill ma kellu l-ebda ħsieb li jgħatti approvazzjoni għad-deckchairs jew li issir bajja privata. Minn naħa tal-kuntrattur qal li hu mhux interessat għad-deckchairs jew li l-bajja issir privata. Il-kunsill qal li anke hekk il-propjeta tingħata lil terzi il-kunsill mhux lest li jgħatti permessi għad-deckchairs u li l-bajja issir privata.<br><br>Il-Kunsill kien ser jitkellem ma Nature Trust u ERA sabiex iz-zona ma tibqax mitluqa kif inhi. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 12.30am. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-12 ta' Frar fid-09.00am ta' filgħodu. |

*Ikkonfermati llum 12 ta' Frar 2026,*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

__________________________ __________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| _________________________ | _________________________ |
| *Proponent* | *Sekondant* |